Minuti tal-laqgħa numru tlieta (3), tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (QLC) li nzammet nhar it-Tlieta, 20 ta' Awwissu, 2024 fis-5.59pm fl-Uffiċini tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur David Michael Schembri | Sindku |
| | Is-Sa Anthea Sacco | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Karmenu Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv (DSE) |
| Skuzata: | Is-Sa Nina Skye Briffa | Kunsillier |

03.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Presedenza u Apoloġija

Is-Sindku,is-Sur David Schembri ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba filwaqt li ittri ta' apoloġija ma kienx hemm. Ezattament qabel il-laqgħa is-Sindku u d-DSE irċevew telefonata mingħand is-Sa Nina Skye Briffa li ma setgħetx tattendi minħabba ħsara fil-vettura. Hija kienet unanimament ikkunsidrata bħala skuzata.

* **Il-Minuti** — Minuti

Il-Minuti tas-seduta numru tnejn sarulhom il-korrezzjonijiet kif murija fuq il-kopja oriġinali u dawn ġew imressqa għall-vot billi ipproponiet is-Sa Anthea Sacco u ssekonda is-Sur Karmenu Farrugia u dawn ġew unanimament.

* **Il-korrezzjoni tal-Minuti u punti mil-Minuti** — Ittri lil Membri Parlamentari

Il-kunsillieri kollha ffirmaw l-ittri imħejjija li wkoll kienu ċirkulati minn kmieni dwar il-proposta biex tinketeb ittra ffirmata mil-Kunsill lill-Membri Parlamentari tad-Distrett biex ikunu revedut il-Pjan Lokali f'dak li jirrigwardja l-għoli tal-bini.

03.02 **Intervisti tas-Segretarju Ezekuttiv** — Intervista tas-Segretarju Ezekuttiv

Din l-intervista se ssir nhar id-29 ta' Awwissu 2024 fl-uffiċini tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fil-Marsa. Minkejja li applikaw sebgħa hemm ħafna minnhom li m'għadhomx interessati.

03.03 **Risposta għall-Management Letter** ***ye 2023*** — Risposta tal-MLP

Id-draft tar-risposta tal-Management Letter għas-sena 2023 kien imħejji mid-DSE u kien iċċirkulat mal-Agenda ta' din il-laqgħa. Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi unanimament iddeċieda li tintbgħat ir-risposta kif inhi mingħajr l-ebda' korrezzjoni.


Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

03.04 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport tal-Evalwaturi tal-Offerta Pubblika tal-Bulky Refuse (QRD 1/24)** Bulky Refuse

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ikkunsidra ir-rapport tal-Evalwazzjoni tal-Offerta tal-Ġbir tal-Bulky Refuse u approvah unanimament wara li kien propost mis-Sur David Schembri u ssekondatu is-Sa Anthea Sacco biex din l-offerta tingħata lis-Sur Joseph Farrugia peress li kien *the cheapest compliant* b'Eur2.80 kull call eskluz il-VAT.

03.05 **Restoration Works Scheme for LC 2024/25** Restawr tal-Ġnien tal-Kmand

Dwar l-iskema tad-Divizjoni tal-Kunsilli Lokali fuq imsemmija, li se tkun attwata mid-Dipartiment tar-Restawr, is-Sindku, is-Sur David Schembri, qal illi din hija dwar ir-restawr tal-faċċata tal-Ġnien tal-Kmand minkejja li hemm ħsarat serji fuq ġewwa. Dwar il-ħsarat fuq l-istruttura fuq ġewwa, hu qal illi l-awtoritajiet ma jistgħux isibu surveyor biex tkun magħrufa ezattament il-kundizzjoni tiegħu.

**Surveying** Triq San Pietru u Sqaqien fiċ-Ċentru

Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li hemm bzonn ukoll li jsir land surveying fi Triq San Pietru, Wied iz-Zurrieq u anke fl-isqaqien proposti biex isiru bil-patterned concrete minħabba li jinħtieġu mill-Awtorità tal-Ippjanar biex inkunu nistgħu nottjenu l-fondi mill-Fond għall-Izvilupp (eks Urban Improvement Fund)

03.06 **Abbuz mis-sewqan fit-toroq Qrendin** Abbuz mis-sewqan

Dwar dan l-abbuz tkellem is-Sur David Schembri, is-Sindku fejn issuġġerixxa biex niktbu lill-Ministru għat-Trasport minħabba li qed ikun hemm sewqan esaġerat fi:

- Triq il-Panorama (il-junction fejn Ħaġar Qim u fuq il-Ħnejja)
- Triq Ħaġar Qim u
- Triq it-Tempesta (zebra crossings mhux vizibbli)

Konferma ta' dan, kien illi fi Triq il-Panorama telgħet vettura fuq il-Belveder u tajret iċ-ċint għal isfel fuq il-blat u ħadd ma kellu ċ-ċans jintraċċaha. Il-ħsarat ma jiflaħx iħallashom il-KLQ u se naraw kif dan ikun irranġat mill-awtoritajiet. Il-proposta tal-Kunsill hija li jew jitwaħħlu speed cameras jew isiru mizuri li jikkalmaw it-traffiku propizji f'dawn it-toroq minn Infrastruttura Malta / Trasport Malta.

Issemma' wkoll is-sewqan esaġerat li qed ikun hemm fi Triq it-Tempesta u kif iz-zebra crossings huma kollha mitfijin. Dan hu periklu ċar għal min ikun qed jaqsam skont it-*traffic and safety audit* li sar.

03.07 **Kantata Riħ fil-Qolla** Rih fil-Qolla

Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li din diġa' se nieħdu l-fondi għaliha mir-Reġjun Punent għaliex kienet imdaħħla mal-lista ta' attivitajiet proposti minn diversi xhur ilu. Intant, is-Sa Anthea Sacco xtaqet tkun taf aktar dwar dawn il-fondi mill-istess Reġjun u d-DSE se jagħtiha rendikont hekk kif jibgħatulna l-iskeda aġġornata huma. Intant, is-Sindku, is-Sur David


Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

Schembri, qal li din il-kantata se jisponsorjawha ir-Reġjun Punent u l-Kunsill qed jiġbor il-kwotazzjonijiet biex din tittella' fis-16 ta' Novembru 2024 fil-Knisja Parrokkjali.

03.08 **Xogħlijiet fit-toroq minn Infrastruttura Malta** Xogħlijiet ta' toroq

Is-Sur David Schembri qal kellu laqgħa ma' Infrastruttura Malta dwar il-kisi bil-qatran ta' Triq il-Ġwiewel u qal li l-kuntrattur kellu jibda fejn hemm il-ħofra. Intant, is-Sindku qal li dawn suppost kellhom jiġu il-bieraħ u ma ġewx.

Dwar Triq il-Karwija viċin il-kmamar tan-nar ta' Santa Marija, intqal illi din saret kollha kemm hi bil-glass screed blocks. Madankollu is-Sur Karmenu Farrugia qal li għad fadal ħafna toqob fondi mhux mimlijin bil-ħamrija u esebixxa xi ritratti fuq it-telefon ċellulari tiegħu. Is-Sindku, qal li jidher li hemm xi espert Ingliz li qed jgħid li se jissolva kollox fl-istaġun tax-xitwa peress li l-istess ħamrija titbattam aktar fil-ħofor.

Dwar Triq Gregorio Mifsud, is-Sindku qal li aħna mingħalina li din kienet se tinfetaħ it-triq izda issa instab illi din għadha mhix espropriata mill-Gvern Ċentrali għaliex is-sid hekk qed isostni u mhux se jħallihom jibnu t-triq. Madankollu kien hemm il-ħsarat tad-drenaġġ u dawn issewwew ukoll. Kien innotat illi l-istreet lighting għaddej ukoll fil-culverts taħt it-triq u mhux se jkun hemm overhead lines.

Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li iltaqa' ma' l-Onor Omar Farrugia dwar il-ħtieġa li ssir ri-pavimentata Triq Rokku Buhagiar. Ir-risposta kienet illi dan qallu li se jirridizinjawha l-PWD kif ukoll biex issir pedestrianised il-Pjazza fil-week-end biss. Issemma' illi l-coaches qed iwaħħlu t-traffiku.

Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma' Triq il-Providenza fejn il-ġibjun fejn qal li hemm 60 metru tul ta' triq u għandha bzonn tingħata wiċċ u wegħduna li se ssir. Bħalha wegħduna wkoll li anke Triq il-Kastiljani se jsir l-istorm water biex l-ilma tax-xita jmur fil-Ġnien tal-Warda.

03.09 **Reġjun Punent: Niċeċ Maltin & Studji fuq il-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena** Niċeċ

Is-Sur David Schembri, is-Sindku, qal li ġejna mitluba mir-Reġjun Punent biex nipprovdulhom lista ta' niċeċ biex isir programm fuqhom. Dan qed isir biex ir-Regjun Punent jagħti aktar vizibilita' lill-kultura u minħabba li ħadna nteress dawn se jagħmlu zewġ programmi.

F'dan il-waqt issemma' kif qabel l-Elezzjoni tal-Kunsill Lokali, ċertu Dun Nicholas Doublet kien avviċinah biex isir studju u jiġi stampat ktieb fuq is-Santwarju tal-Ħniena. Dwar dan ser nindagaw jekk jistax jisponsorjah ir-Regjun Punent. Sadanittant, is-Sindku se jerġa' jiltaqa' mal-Monsinjur.

03.10 **RIGHTS – Kunsill tat-Tfal** RIGHTS


Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

Is-Sur David Schembri, is-Sindku, qal li ġejna avviċinati mill-uffiċċju tal-President Imeritus is-Sa Marie Louise Coleiro u dawn jixtiequ jagħmlu Kunsill tat-Tfal bejn is- 6 u s-16-il sena. L-intenzjoni hija li dawn jiltaqgħu darba fix-xahar. Dwar din l-inizjattiva tista' tgħin il-kunsillier is-Sa Nina Skye Briffa biex tkun tista' tikkoordina is-sezzjonijiet filwaqt li nhar il-25 ta' Settembru 2024 se ssir laqgħa fiċ-Ċentru Pastorali Qalb ta' Ġesù u jkun hemm laqgħa introduttorja.

03.11 **Abbuz minn Encroachment f'Wied iz-Zurrieq** Wied iz-Zurrieq

Is-Sindku, is-Sur David Schembri iddiskuta wkoll l-abbuz mill-*encroachment* f'Wied iz-Zurrieq fejn qal li hemm zewġ ristoranti li qed jarmaw l-imwejjed u s-siġġijiet mingħajr permess. Hu qal li issa tkellmu Din l-Art Ħelwa wara li konna fuq il-paġna tas-Sur Arnold Cassola fuq il-mezzi soċjali. Kien deċiz illi niktbu ittra ffirmata mill-avukat tagħna, lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Awtorità Maltija tat-Turizmu u lill-Kummissarju tal-Artijiet dwar dan l-abbuz li qed isir bi mwejjed u siġġijuiet fuq sit ikklassifikat Natura 2000 u Special Area of Conservation.

03.12 **Qrendi/Mqabba Applikazzjoni - Family Garden** Family Park

Is-Sur David Schembri, semma' l-applikazzjoni PA 3409/24 fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar minn Project Green fil-Ġnien tal-Mitħna biex dan jinbidel f'park għall-familja. Minkejja li dan is-sit hu 'il barra mil-konfini tal-Qrendi, se jkun ta' benefiċċju wkoll għall-Qrendin.

03.13 ***Finishings* tal-Muniċipju l-ġdid** Muniċipju

Dwar iċ-Ċentru Amministrattiv, illum ġabu container mimli bl-aperturi tal-aluminium. Intant, ix-xogħol fuq il-klinika qed isir u huwa ttamat li madwar sitt xhur oħra jkun lest il-ground floor. Sadanittant tħallas il-kont ta' €130,690.27

03.14 **Punti oħra**

03.14.01 Is-Sa Anthea Sacco tkellmet fuq il-ħtieġa li jkollha l-aċċess għall-facebook. Dwar dan hija se tkellem lill-assistent prinċipal. Facebook

03.14.02 Is-Sa Anthea Sacco iddeskriviet l-ewwel mawra f'Għawdex tal-Kunsill bħala waħda suċċess. Fil-laqgħa hija tat aktar dettalji dwar l-andament ta' din iz-zjara. Għawdex

03.14.03 Is-Sa Anthea Sacco tkellmet fuq il-magazine tal-Kunsill. Hija qalet illi għandu jkollu paġna kull kunsillier biex dawn jinġabru kollha sa' Ottubru u nagħtuha lill-istampatur. Kompliet tgħid illi għandna nagħtu wkoll spazju lill-Kazin ta' Santa Marija u lill-ta' Lourdes kif ukoll lill-Kazin tal-Futbol u lil tal-Boċċi. Magazine

03.14.04 Is-Sa Anthea Sacco tkellmet dwar il-bzonn tat-tisqija tal-Ġnien tal-Warda filwaqt li s-Sa Marion Parnis qalet illi hemm bzonn iz-zabra tas-sigar. Hawnhekk is-Sindku qal li is-siġar tal-pines ma jinzabrux pero' hemm xi tlieta Ġnien tal-Warda


*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;*

taz-zebbug li jinzabru wara li dan jinqata'. Il-hedge li hija tal-lantana, tista' tinzabar, pero' din tiġi imbgħad zkuk waħidha mingħajr weraq u tidher kerha.

03.14.05 Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li din il-ġimgħa irċevejna stedina biex immorru l-Kroazja għall-programm tal-Erasmus bejn it-3 u s-6 ta' Ottubru. Dwar programm f'Ottubru 3-6. Hu qal li l-Qrendi qatt ma kien ġemellat, izda se naraw kif se nkunu hemmhekk jekk hux possibbli li jsir ġemellaġġ ma' dan il-pajjiz u jekk jitħajrux huma jingħaqdu magħna. Is-Sindku kompla jgħid illi għandna nistiednu sitta minnhom jiġu hawn Malta u imbgħad nitilgħu aħna. Għal din il-mawra ta' Ottubru kien propost li jitilgħu is-Sindku u l-Assistent Prinċipal, Stephania Grixti. Kroazja

03.14.06 Is-Sa Marion Parnis tkellmet dwar bank li inqala' u ntrema' fix-xagħri fil-Belveder fi Triq il-Panorama, dwar il-problema tas-sidien tal-klieb li jħalluhom iħammġu mal-faċċati tad-djar u l-ħtieġa li titqajjem kuxjenza ċivika u kampanja ta' edukazzjoni kif ukoll anke dwar l-iskeda tal-iskart. Dan jista' jsir anke b'fuljett edukattiv separat mil-magazine tal-Kunsill. Fuq din ma kienx hemm qbil u qed ikun suġġerit li s-Sa Marion Parnis tikteb dwar dan fl-artiklu tagħha tal-fuljett. Kampanja Ambjentali

03.14.07 Is-Sur Karmenu Farrugia irrefera għal-laqgħa li nzammet mas-Soċjetajiet Muzikali ezattament qabel din il-laqgħa fejn tkellem kif nistgħu fil-Milied narmaw bid-dwal dekorattiv it-toroq: Triq Rokku Buhagiar u parti minn Triq il-Parroċċa. Tizjin tal-Milied

03.14.08 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem ukoll fuq il-bozoz maqtugħin fil-Ġnien tal-Warda. Hu qal li jidhru koroh maqtugħin filwaqt li s-Sindku, is-Sur David Schembri qal li hemm dawl bizzejjed għaliex dan fih 65 lampa. Dwal tat-toroq

03.14.09 Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li kien hemm *savings* minn skema tal-latrini awtomizzati u għaldaqstant se napplikaw għal soap dispensers u hand dryers. Hu zied jgħid ukoll illi l-latrina fil-librerija pubblika wkoll jinħtiġilha li jsirilha manutenzjoni u trid tinqala' bil-madum b'kollox. Latrini Awtomizzati

03.15 **Appuntament għal-laqgħa li jmiss** Aġġornament

Din il-laqgħa intemmet fis-19:45 u li jmiss se ssir nhar is-16 ta' Settembru 2024 fil-5:00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 16.9.24 minn David Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku



*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;*